# FRAK MILL-ISTORJA

*Miġbur minn* Lwiġi Said

DAK l-obelisk li hemm Londra magħruf bħala "Cleopatra's Needle", kien irmunkat fuq ċattra mill-Eġittu għall-Ingilterra, b'ċorma baħrin Maltin. Meta waslu fil-Bajja ta' Biscay iċ-ċattra nqatgħet u li ma kinetx il-ħila tal-Maltin li kienu fuqha kieku ntilfet. Din il-ġrajja hi deskritta fil-"London News" ta' l-1879.

* * *

## BORMLA

Ma' ħajt ta' porvlista fuq is-Sur ta' Bormla, naħseb li għad hemm imnaqqax "*La campagna sta sera si è ribellata*" jew xi ħaġa f'dak is-sens; dan jaħbat quddiem "San Ġwann ta' Għowxa", Bormla.

* * *

## SAN PAWL IL-BAĦAR

Il-Wardija, meta wieħed jitla' dritt minn San Ġużepp tat-Tarġa, hemm kappella li magħha kien hemm għeluq tal-ħadid li kien fih ikkonservat ħawt imdaqqas illi skond it-tradizzjoni ta' l-abitanti ta' dawk in-naħiet inqeda bih San Pawl sabiex għammed lil San Publju.

* * *

San Pawl Milqgħi, taħt il-Wardija. Jista' jkun li f'dan il-post il-Maltin (Barbari ta' l-Istorja Sagra) laqgħu lil San Pawl, qabbdu ż-żraġen tad-dwieli li ġa kienu żabru f'Jannar biex isaħħnu lil San Pawl u sħabu u minn dawk iż-żraġen ħebbet il-lifgħa li gidmet id San Pawl.

* * *

Rdum is-Sultan jew Rdum Stoppin, skond it-tradizzjoni tal-bdiewa tal-post, fi dħul il-kalanka tal-Mistra, kien il-post fejn il-ġifen ta' San Pawl tfarrak.

* * *

## IL-MELLIEĦA

Fil-kappella li hemm taħt l-art, inti u nieżel it-taraġ, kont rajt xi statwi bla ras li naħseb li kienu xi idoli jeżistu meta ġie San Pawl.

* * *

Fil-pjazzetta ta' taħt il-Knisja Parroċċa hemm ħnejja u fuqha hemm imnaqqax xi kliem bil-Malti miktub iżjed minn mitt sena ilu.

In-naħa l-oħra ta' Ġnien Ingraw hemm xi egħrien; wieħed minnhom qiegħed fuq terrazz naturali tal-blat li lokalment jismu "Għor Kalipsu"; dan il-għar jista' jkun dak li jissemma fil-ktieb tal-famuż awtur Fenelon de La Motte li jismu "The Adventures of Thelemacus".

* * *

## IL-GUDJA

Fil-limiti tal-Gudja, jew Bir Miftuħ, hemm xi fdal ta' raħal "Has-Saptan", jew aħjar "Has-Sabdan", li l-isem jissuġġerixxi l-kelma Abadan jew "Għabba Dan", bħalma Ġordan jissuġġerixxi l-kelmiet "Ġorr Dan". Dawn l-ismijiet inħolqu f'epoka waħda.

* * *

Ħdejn dan ir-raħal hemm ħafna ġebel kbir aktarx ta' xi Tempju pagan ta' qabel Kristu.

* * *

Huwa jista' jkun li l-Malti kien jeżisti qabel id-Dilluvju, jiġifieri:

Ix-xita damet nieżla erbgħin jum u erbgħin lejl; imbagħad ix-xita siktet u Noè telaq Ċawlun li ma reġax lura. Wara ftit Noè reġa' telaq ħamiema u din reġgħet lura b'werqa taż-żebbuġ f'ħalqha. Xi ħadd minn ġo l-Arka meta lemaħha għandu mnejn qal: "Ara rat!" bħalma meta aħna nkunu għall-kaċċa nesklamaw "Ara ħass!" meta l-kelb jimmarka xi sumiena. Jista' jkun li fejn waqfet l-Arka semmewh għal dik l-okkażjoni.

* * *

## IR-RABAT

Qabel ma naqbdu neżlin in-niżla għal Wied il-Qlejgħa, minn fejn ġej il-kunjom Calleja, hemm lapida fuq fetħa fil-ħajt ta' għalqa li tgħid li dik il-għajn hija hemm għall-poplu biex jinqeda biha.

Din il-kitba hija bil-Latin u saret fi żmien l-Ordni, u l-post

hu magħruf fir-Rabat u dawk l-inħawi bl-isem ta' "Għajn Slampa".

*   *   *

Ħdejn l-istazzjon tal-ferrovija li jħares lejn l-Imtarfa, hemm bini li jixbah lil dak ta' taħt il-Każin tas-Sinjuri tas-Saqqaja, u jismu "Għajn Ħamiem".

F'dan il-bini jew ħnejja, hemm nixxiegħa ta' l-ilma f'post daqsxejn mudlam u fih lapida qadima bil-Latin; dari n-nies kienu jużawh bħala għajn tal-ħasselin; daż-żmien jużawh biex kultant jisqu l-bhejjem minnu.

*   *   *

Fl-Imtaħleb hemm ħafna egħrien li huma abitati, bħalma kienu t-Trogloditi; f'dawk l-egħrien il-faċċata biss hija mibnija bil-kantuni.

Naħseb li dan il-lok jinteressa ħafna lit-turisti kif ukoll xi oħrajn li jiddilettaw bl-istorja.

*   *   *

Xi erbgħin sena ilu kien instab idolu tad-deheb fil-limiti tar-Rabat u kien raħ il-Kanonku Azzopardi tal-Grotta ta' San Pawl.

*   *   *

Ftit snin qabel din l-aħħar gwerra fil-limti tar-Rabat, Wied il-Fiddien, instab idolu ieħor tal-bronz u lapida miegħu.

*   *   *

## KALKARA

Il-Kalkara hemm il-Knisja tas-Salvatur li tat isem lil waħda minn dawk in-naħiet qabel l-Assedju l-Kbir u fiha suppost midfun il-Kavalier Bighi. Issa qiegħda sservi bħala maħżen għall-affarijiet tal-festa. Fiha wkoll basso riliev ta' Kavalier xi erba' jew ħames piedi.

*   *   *

Jingħad li fit-"Turretta ta' Soler", ħdejn il-Kalkara, fi żmien il-Franċiżi kienu jiltaqgħu l-Kapijiet tax-xewwiexa Maltin f'laqgħat sigrieti kontra l-Franċiżi.